MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 161/2005

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Joseph Spiteri abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Joseph Spiteri [338246(M)]**

**vs**

**Antonia Borg u b'digriet tas-7 ta' Frar, 005 giet ordnata il-korrezzjoni fis-sens illi l-isem "Antonia" ghandu jinqara "Antoine"**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Jannar, 2005 fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u erbatax-il Lira Maltija u hamsa u tmenin centezmu (Lm414.85), rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attur Joseph Spiteri assigurat tas-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta' tlett mija u disgha u tmenin Lira Maltija u hamsa u tmenin centezmu (Lm389.85) is-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25.00) l-attur Joseph Spiteri in linea ta' *excess payment,* bhala rizultat tal-incident awtomobilistiku li sehh fit-2 ta' April 2004 ghall-habta tad-9.00p.m. gewwa r-Rabat, bejn il-vettura proprjeta' ta' l-attur Joseph Spiteri, bin-numru ta' registrazzjoni GAE-224 u l-vettura misjuqa mill-konvenuta bin-numru ta' registrazzjoni JAM-708, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-l5 ta' Dicembru, 2004 u ta' l-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment mal-avviz lis-socjeta' assikuratrici Middlesea Insurance plc, u l-interessi legali mid-data tal-15 ta' Dicembru, 2004 kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**
**Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fil-11 ta' Frar, 2005, fejn intqal illi:**
**i. L-incident de quo ma garax toro tal-konvenut izda unikament bi htija tal-attur Joseph Spiteri li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GAE-224 u assigurata mas-socjeta` attrici;**
**ii. Ghalhekk il-konvenut mhuwiex responsabbli ghad-danni pretizi mill-attur. Fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` attrici ghandha ggib prova tad-danni mina pretizi.**
**iii. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.**
**Bl-ispejjez kontra l-attur.**

**Ra l-kontro-talba prezentata mar-risposta fejn intalab li l-attur jigi kkundannat ihallas s-somma ta' tlett mija u hames liri Maltin (Lm305.00) rapprezentanti danni**

**sofferti mill-konvenut rikonvenzjonant bhala rizultat tal-incident awtomobilistiku li sehh fit-2 ta' April 2004 gewwa r-Rabat, bejn il-vettura proprjeta' ta' l-attur rikonvenut Joseph Spiteri, bin-numru ta' registrazzjoni GAE-224, misjuqa mill-istess, u l-vettura misjuqa mill-konvenut rikonvenzjonant bin-numru ta' registrazzjoni JAM-708, liema incident sehh tort unikament tal-attur rikonvenut minhabba imperizja, negligenza, traskuragni, u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment lis-socjeta' assikuratrici tal-attur rikonvenut, Fogg Insurance Agencies Limited, u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-effettiv pagament kontra l-attur rikonvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta ghall-kontro-talba prezentata fit-8 ta' Marzu, 2005 fejn intqal illi t-talba tal-konvenut rikonvenzjonant hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu stante illi l-incident de quo sehh unikament bi htija ta' l-istess konvenut rikonvenzjonant, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**

**Semgha x-xhieda ta' W115 Noel Buttigieg, Joseph Spiteri, Antoine Borg, Martin Borg, Ramon Sciberras u Suzanne Galea. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-disfensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz. Ra l-verbal tat-28 ta' April, 2005 li fih il-konvenut iddikjara li ma kienx qed jikkontesta il-kwantum tad-danni.**

**Ikkunsidra:**
**1. Il-kawza tirrigwarda kollizzjoni illi sehhet fit-2 ta' April 2004 ghal habta ta' tad-9:00p.m. fi Triq Piju, ir-Rabat bejn il-vettura GAE-224 misjuqa minn Joseph Spiteri u l-vettura JAM-708 misjuqA mill-konvenut Antoine Borg.**
**2. Saret ukoll kontro talba ghad-danni illi garrab l-konvenut rikonvenzjonant fl-imsemmija kollizzjoni.**
**3. L-attur Joseph Spiteri spjega illi kien tila Vjal il-Haddiem isuq fuq in-naha tax-xellug u kien qed**

**jahseb biex idur ghal go Triq San Piju. Ra lill-konvenut gej minn Triq Had Dingli u habtu. L-attur b'referenza ghal Dok RF6 indika li hu kien gej mill-punt immarkat 'A' fl-imsemmi ritratt sejjer fid-direzzjoni tal-punt 'B' fl-istess ritratt. Il-vettura tal-konvenut kienet sejjra lejn il-punt 'D'. Dan qed jinghad sabiex tinghata stampa aktar cara ta' kif sehh l-incident.**

**4. L-attur jispjega wkoll illi l-konvenut kellu brake marks kif indikat mill-Warden pero' dawn kienu aktar angolati minn Triq Had Dingli.**

**5. Antoine Borg il-konvenut jghid illi ma jaqbilx mal-iskizz. Jghid illi l-karozza tieghu kienet gejja minn Had Dingli u l-attur skiddja go fih. Bid-daqqa l-konvenut dahar ftit. Il-konvenut ra lill-attur mal-habta u dan minhabba l-karozzi pparkjati. Il-konvenut esebixxa tlett ritratti Dok AB1 sa Dok AB3 li juru l-marki li hemm ma l-art. Skond il-konvenut l-attur qata' ghad-dritt, qabez iz-zewg linji medjani biex gie ghal kantunira minn fejn kien gej il-konvenut. Fid-Dok AB2 il-konvenut qed juri kif kienet il-karozza tieghu mad-daqqa, ghalkemm spjega li dan ir-ritratt ma ttiehedx dakinhar.**

**6. Ghalhekk tenut kont ta' dak li ntqal u tax-xhieda l-ohra jidher illi hemm qbil dwar id-direzzjoni tal-attur indikata bil-blu fid-Dok RF9. Jidher ukoll li l-vettura tal-konvenut ma kienetx qed izomm max-xellug tat-triq u dan mid-Dok AB2 indikat mill-istess konvenut, filwaqt illi jirrizulta wkoll illi kien hemm certu distanza mill-vetturi pparkeggati u dan kif jirrizulta minn Dok AB4 a fol 47 tal-process. Ghalhekk il-konvenut kien fin-nofs tat-triq u ma kellux kontroll biex izommha fuq ix-xellug. It-Tribunal, innota illi f'dan il-kaz ma setax joqod fuq ir-rapporti tal-Warden in kwantu dawn hejjew zewg rapporti u kien hemm diskrepanza fid-danni subiti. It-Tribunal ta' aktar piz lid-deposizzjonijiet tax-xhieda. Fic-cirkostanzi l-konvenut kien f'pozizzjoni illi kkontribwixxa b'mod sostanzjali ghal l-incident fi grad ferm aktar mill-attur, specjalment in vista tal-pozizzjoni tieghu fit-triq.**

**7. Ghalhekk it-Tribunal qed jattribwixxi tlett kwarti tar-responsabbilta` lill-konvenut u kwart lill-attur.**

**8. Id-danni huma dawk indikati f'kull kaz, sija fit-talba kif ukoll fil-kontro talba. Peress illi l-konvenut kien jahti fil-grad ta' tlett kwarti dan jigi li ghandu jhallas lill-attur is-somma ta' tlett mija u hdax-il lira Maltija u tlettax-il centezmu (Lm311.13). In kwantu li l-attur kien responsabbli ghal incident li sehh fi grad ta' kwart jigi illi l-attur ghandu jhallas lill-konvenut is-somma ta' sitta u sebghin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm76.25). Ghalhekk b'applikazzjoni tal-Art. 1196 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jibqa illi l-konvenut ghandu jahallas lill-atturi s-somma ta' mitejn erbgha u tletin lira Maltija u tmienja u tmenin centezmu (Lm234.88).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jsib lill-konvenut responsabbli fil-grad ta' tlett kwarti u lill-attur fi grad ta' kwart ghall-incident li sehh, u wara l-applikazzjoni ta' l-Art. 1196 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u disa' liri Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm209.88) u lill-attur hamsa u ghoxrin lira (Lm25.00) ikoll bl-imghaxijiet dekkoribbli millum.**
Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal tlett kwarti mill-konvenut u kwart mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------